Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DECIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

tal- 25 ta' Settembru 1992

li tistabbilixxi l-forma ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru ta' ospitalità Animo u l- Istati Membri

(92/486/EEC)

(ĠU L 291 , 7.10.1992, p. 20)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/188/KEE Ta' l-4 ta' Marzu 1993	L 82	20	3.4.1993
►**M2**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/296/KE tat- 18 ta' April 1996	L 113	25	7.5.1996
►**M3**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/395/KE tal-10 ta' Ġunju 1997	L 164	44	21.6.1997
►**M4**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/222/KE tat-18 ta' Marzu 1998	L 82	50	19.3.1998
►**M5**	Id-Deciżjoni tal-Kummissjoni 1999/716/KE tad-19 ta' Ottubru 1999	L 289	1	11.11.1999
►**M6**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/288/KE ta' l-4 ta' April 2000	L 98	37	19.4.2000
►**M7**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/301/KE tal-11 ta' April 2001	L 102	73	12.4.2001
►**M8**	Id-Deciżjoni tal-Kummissjoni 2002/615/KE tat-22 ta' Lulju ta' l-2002	L 196	60	25.7.2002
►**M9**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/236/KE tat-3 ta'April 2003	L 87	12	4.4.2003
►**M10**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE tat-30 ta' Marzu 2004	L 94	63	31.3.2004

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

▼B

ID-DECIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal- 25 ta' Settembru 1992

li tistabbilixxi l-forma ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru ta' ospitalità Animo u l- Istati Membri

(92/486/EEC)

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it- Trattat li jwaqqaf il- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat id- Direttiva tal- Kunsill 90/425/KEE tas- 26 ta' Ġunju 1990 dwar il- kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ fil- Komunità f' ċerti annimali u prodotti bil- għan li jkun ikkompletat is- suq intern ([1]), kif l- aħħar emendata mid- Direttiva 92/60/KEE ([2]), u b' mod partikolari l-Artikolu 20(3) ta' dan,

Billi fid- 19 ta' Lulju 1991 il- Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 91/398/KEE fuq sistema kumplessa kompjuteriżżata li tgħaqqad l-awtoritajiet veterinarji (Animo) ([3]) u fit- 2 ta' Lulju 1992 id-Deċiżjoni 92/373/KEE li tindika ċ- ċentru ta' ospitalità Animo ([4]);

Billi, sabiex ikun żgurat il- funzjonament tas- sistema kumplessa kompjuterizzata Animo, dispożizzjoni suppost tintgħamel għall-armonizzazzjoni tal-forma ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentri ta' ospitalità Anomo u l-Istati Membri;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provvediment f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID- DECIŻJONI:

Artikolu 1

Kull Stat Membru għandu, bi qbil mar- regoli nazzjonali tiegħu, jagħżel awtorità biex tkun responsabbli għall-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet f'kull Stat Membru.

L-awtorità ta' koordinazzjoni għandha tinnegozja kuntratt ma' Eurokom għall-użu ta' ċentru ta' ospitalità komuni. Il-kuntratt għandu jiġi ffirmat bi qbil mar- regoli nazzjonali.

Artikolu 2

L-awtoritajiet ta' l- Istati Membri għandhom jiżguraw li l- kuntratti li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 1:

▼M1

— jidħol fis-seħħ għal tliet snin mill-1 ta' April 1993,►A1 ħlief għall-Isvezja, meta d-data tad-dħul fis-seħħ hija d-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni u d-data li fiha l-kuntratt jasal fit-tmiem tiegħu hija dik ta' l-1 ta' April 1996, u għall-Awstrija u għall-Finlandja, fejn id-data tad-dħul fis-seħħ tkun sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni u d-data li fiha l-kuntratt jasal fit-tmiem hija dik ta' l-1 ta' April 1996, ◄

▼B

— jinkludu klawsola ta' reviżjoni annwali,

— jinkludi klaqżola ta' terminazzjoni, suġġetta għal notifika ta' sitt xhur,

— jinkludu impriża minn Eurokom biex tpoġġi f' operazzjoni r- rekwiżiti tekniċi kollha mniżżla fl- l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/638/KEE ([5]), ibbażati fuq l-approċċ tekniku propost mill- Eurokom fl- offerta tagħhom. Xogħol irrelatat possibli ma' l-

([1]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.
([2]) ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 75.
([3]) ĠU L 221, tad-9.8.1991, p. 30.
([4]) ĠU L 195, ta' l-14.7.1992, p. 31.
([5]) ĠU L 343, tat-13.12.1991, p. 48.

▼B

Eurokom b' inklusjoni għal kull Stat Membru xogħol irrelatat ma' l-implimentazzjoni tas- sistema f' kull Stat Membru u xogħol fuq immaniġjar ta' proġett, ser ikunu suġġetti għal impriżi differenti,

— jikkunsidraw is- segwenti aspetti finanzjarji:

(a) ECU 300 fis- sena għal kull parti lokali kif elenkata fid- Deċiżjoni tal- Kummissjoni 92/175/KEE ([1]);

(b) spejjeż ta' komunikazzjoni, iddiferenzjati skond il- preżenza jew assenza ta' ċentru ta' ospitalità nazzjonali u li jirrapreżenta l-aħjar prezz ottenut mill- Eurokom mingħand min jipprovdi l-komunikazzjonijiet,

▼M1

— tinkludi klawżola li tkopri, aġġornament, protezzjoni u disponibbiltà ta' informazzjoni, responsabbiltajiet u skeda ta' pagament.

▼M2

Artikolu 2a

1. L-awtoritajiet ta' koordinazzjoni li għalihom hemm provvediment fl-Artikolu 1 għandhom jiżguraw li l- kuntratti li għalihom hemm riferenza f' dak l- Artikolu:

▼M3

— huma estiżi għal sentejn;

▼M2

— jippermettu għall- possibiltà ta' estensjoni oħra ta' sena.

2. Għal dak li jirrigwarda l-paragrafu 1, is- segwenti ħlasijiet japplikaw:

ECU 386 għal kull unità (unità ċentrali, unità lokali, post ta' spezzjoni fil- fruntiera) elenkati fid-Deċiżjoni 96/295/KE ([2]).

▼M4

3. Għall-perjodu l-1 ta' April 1998 sal-31 ta' Marzu 1999, l-awtoritajiet ta' kordinazzjoni li għalihom jipprovdi l-Artikolu 1 għandhom jassiguraw li l-kuntratti msemmija f'dak l-Artikolu jiġu estiżi għal sena.

It-tariffi li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' dan il-paragrafu:

386 EKU għal kull unità (unità ċentrali, unità lokali, post ta' spezzjoni mal-fruntiera) għall-unitajiet ANIMO kollha elenkati fid-Deċiżjoni 96/295/KE, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 98/167/KE ([3]).

▼M5

4. Għall- perijodu mill-1 ta' April 1999 sal-31 ta' Marzu 2000, l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni li għalihom hemm provvediment fl-Artikolu 1 għandhom jiżguraw li l- kuntratti li għalihom hemm riferenza f' dak l-Artikolu huma estiżi għal sena.

Is-segwenti ħlasijiet għandhom japplikaw b'rispett ta' dan il-paragrafu:

386 EUR għal kull parti (parti ċentrali, parti lokali, post ta' spezzjoni fil-fruntiera) għal kull wieħed mill-unitajiet ANIMO elenkati fid- Deċiżjoni 96/295/KE ([4]), kif l-aħħar emendati bid-Deċiżjoni 98/167/KE ([4]).

▼M6

5. Għall-perijodu mill-1 ta' April 2000 sa' l-31 ta' Marzu 2001, l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni li għalihom hemm provvediment fl-Artikolu 1 għandhom jiżguraw li l-kuntratti li għalihom hemm riferenza f' dak l-Artikolu huma estiżi għal sena.

Is-segwenti ħlas għandu japplika b' rispett ta' dan il-paragrafu:

([1]) ĠU L 80, tal-25.3.1992, p. 1.
([2]) ĠU L 113, tas-7.5.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 62, tat-3.3.1998, p. 33.
([4]) ĠU L 62, tat-3.3.1998, p. 33.

▼**M6**

EUR 386 għal kull parti (parti ċentrali, parti lokali, post ta' spezzjoni fil-fruntiera) għal kull wieħed mill-unitajiet ANIMO elenkati fid- Deċiżjoni 2000/287/KE ([1]).

▼**M7**

6. Għall- perijodu mill- 1 ta' April 2001 sa' l- 31 ta' Marzu 2002, l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni li hemm provvediment ghalihom fl-Artikolu 1 ser jiżguraw li l- kuntratti li għalihom hemm referenza f' dak l-Artikolu huma estiżi għal sena.

Is- segwenti ħlas ser japplika fir-rigward ta' dan il- paragrafu:

— ECU 386 għal kull unità (unità ċentrali, unità lokali, post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera) għal kull wieħed mill- unitajiet ANIMO elenkati f' Deċiżjoni 2000/287/KE ([2]).

▼**M8**

7. ►**M9** Għal perjodu mill-1 t'April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004, l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiżguraw li l-kuntratti msemmija f'dak l-Artikolu huma estiżi għal sena. ◄

Il-ħlasijiet segwenti għandhom japplikaw a rigward ta' dan il-paragrafu:

— EUR 386 għal kull unit (unit ċentrali, unit lokali, post ta' spezzjoni tal-fruntjiera) għal units ta' l-ANIMO kollha mniżżla fid-Deċiżjoni 2002/459/KE ([3]).

▼**M10**

8. L-awtoritajiet koordinaturi f'dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga prevista fl-Artiklu 5 tad-Deċiżjoni 2004/292/EC ([4]) għandhom jiżguraw li l-kuntratti msemmija fl-Artiklu 1 ta' din id-Deċiżjoni jittawlu għal perjodu bejn l-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Diċembru 2004, ħlief fil-każ ta' dawk il-postijiet ta' spezzjoni territorjali li hemm imniżżla fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 282/2004, li għalihom il-perjodu għandu jkun bejn l-1 ta' April 2004 sat-30 ta' April 2004.

Dwar dan il-paragrafu, dawn il-piżijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

— EUR 290 għal kull unità (unità ċentrali, unità lokali, post ta' spezzjoni territorjali).

— EUR 32 għal kull post ta' spezzjoni territorjali li hemm imniżżla fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 282/2004.

▼**B**

Artikolu 3

Stati Membri ser ikunu responsabbli biex jinvokaw il- klawsola ta' terminazzjoni li għaliha hemm referenza fit- tielet parti ta' l-Artikolu 2 biss li jkun stabbilit bi qbil mal- proċedura ta' l-Artikolu 20(3) ta' Direttiva 90/425/KEE.

Artikolu 4

Il- ħlas totali annwali li jirriżulta mill- ispiża ta' parteċipazzjoni fis-sistema kumplessa, li għaliha hemm referenza f' punt (a) tal- ħames inċiż ta' l-Artikolu 2, li m'għandhiex teċċedi l-ammont li għalih hemm provvediment fil- ħames sena, u d-diviżjoni tagħha bejn l-Istati Membri ser tkun eżaminata mill-ġdid qabel l- ►**M1** 1 ta' April 1994 ◄. Iżda, l-prezz massimu għal kull Stat Membru għal kull waħda mis- snin tnejn u tlieta tal- kuntratt mhux ser jiddevjaw ' il fuq minn aktar minn 10 % tal-prezz għall- ewwel sena.

([1]) ĠU L 98, tad-19.4.2000, p. 12.
([2]) ĠU L 98, tad-19.4.2000, p. 12.
([3]) ĠU L 159, tas-17.6.2002, p. 27.
([4]) ĠU L 94, tal-31.3.4, p. 63.

▼B

Artikolu 5

Jekk ikun aċċertat matul l-implimentazzjoni tas- sistema li tqum sitwazzjoni, b' mod partikolari li tikkonċerna d- dispożizzjonijiet finanzjarji, li hi inkonsistenti ma' l-obbjettivi ta' din id-Deċiżjoni, il- Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji bi qbil mal-proċedura ta' l-Artikolu 42 tad-Deċiżjoni tal- Kunsill 90/424/KEE ([1]).

▼M4

Artikolu 5a

Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta qabel:

— l-1 ta' Ottubru 1998 sabiex tikkonsidra l-kwistjoni tal-konnessjonijiet diretti bejn *servers* nazzjonali,

— il-31 ta' Jannar 1999 sabiex tikkonsidra kif l-istruttura tan-*network* ANIMO tkun żviluppat.

▼B

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19.